QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 20 TA' APRIL 2001

Rikors Nru 103/99DM

Anthony Fabri ghall-untours Insurance Agency Ltd u din ghall- Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta' Charles John Vella u l-istess Charles John Vella

vs

Anthony Cassar

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi fejn talbu il-kundanna tal-konvenut sabiex jhallas lil Anthony Fabri noe s-somma ta' Lm350.13c u lil Charles John Vella Lm51.25c (jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti occorrendo bl-opra ta' periti nominandi) danni subiti insegwitu ghal incident stradali li gara Hal Qormi fl-24.04.98 bejn Transit nru HAN 213 misjuqa mill-konvenut u Van Isuzu nru FAD 142 misjuq mill-istanti Charles John Vella.

Prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi Lm11.50 ta' konsult u ittra dawk tal-ittra ufficjali tas- 16.11.98 u dawk tal-ittra ufficjali tal-lum ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika tal- Avviz kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Cassar fejn eccepixxa:-

1 Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur, u dan minhabba illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur Charles John Vella.

2 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tat-12 ta' Jannar 2000 fejn il-konvenut jiddikjara illi r-responsabbilta tirrigwarda biss il- quantum tad-danni.

Semghet ix-xhieda prodotti

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-provi juru li l-kollizzjoni grat meta l-konvenut kien qed jaqsam almenu zewg linji ta' traffiku li kienu qed juzaw it-triq principali Mdina Road u li, ghalkemm kien lahaq qasam il-karreggjati vicina, habat mieghu l-attur meta kien qed jaqsam il-karreggjata tal-istess attur.

Il-konvenut jibbaza id-difiza tieghu fuq il-fatt illi biex qasam minn quddiem l-ewwel linja ta ' main road users' kien cedielhu trukk li ppermettielhu jghaddi minn quddiem. Konsegwentement il-konvenut isosstni li din il-manuvra tat-trukk kellha tkun sufficjenti biex isservi ta preavviz ghat-traffiku kollhu l-iehor li kien ser jostakola u li ghalhekk kellhom ukoll icedulhu.

Izda dan ma huwiex korrett. Kull linja ta traffiku li l-konvenut ried jaqsam ghadha titqies bhala karreggjata ohra separata minn ta qabilha u qabel ma jintanta li jinvadiha kien obbligat li jerga jieqaf u jesplora biex ma jfixkilx lit-traffiku li seta kien qed isuq fiha, bhala ma kien l-attur.

Dan huwa iktar emfasizzat f'kazijiet fejn it-traffiku ikun fitt u l-progress bil-mod u sporadiku, ghaliex f'dawn il-kazijiet il-waqfien ta vettura f'karreggjata ohra ma tfisserx bil-fors li xi vettura ohra kienet qed taqsam il-main road.

Ghalhekk meta l-konvenut, fuq kortesija ta xi vettura, sab l-opportunita li jaqsam l-ewwel parti tat-triq principali dan ma kienx awtorizzat li jibqa ghaddej minghajr id-debita esplorazzjoni u jkompli jaqsam il-kumplament tal-'main road'.

Ghalhekk tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli tal-kollizzjoni 'de quo' u ghad-danni inkontestati rizultanti.

Ghaldaqstant tikkundanna l-konvenut sabiex ihallas lill-attur Anthony Fabri noe s-somma ta' Lm350.13c u lil Charles John Vella Lm51.25c danni subiti in segwitu ghal incident stradali li gara Hal Qormi fl-24.04.98 bejn Transit nru HAN 213 misjuqa mill-konvenut u Van Isuzu nru FAD 142 misjuq mill-istanti Charles John Vella. Bl-imghax legali mill-11 ta' Frar 1999.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Magt Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
civ17